## X'INHU L-PREMJU LUX?

Stabbilit fl-2007, il-Premju LUX huwa premju taċ-ċinema li jingħata kull sena mill-Parlament Ewropew. Il-Premju LUX għandu żewġ objettivi prinċipali: li jixħet dawl fuq id-dibattitu pubbliku dwar l-Ewropa, u li jkun ta' sostenn għad-distribuzzjoni ta' ko-produzzjonijiet Ewropej fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Filfatt, id-distribuzzjoni hija l-għarqub ta' Akille' taċ-ċinema Ewropew milqut minn problemi lingwistiċi. Il-Premju LUX jimmira li jegħlibhom.

Il-Premju LUX għen biex films Ewropej jilħqu udjenza akbar billi appoġġja l-produzzjoni ta' sottotitli u d-distribuzzjoni tagħhom. Permezz tal-Premju LUX, il-Parlament Ewropew jappoġġja d-diversita' kulturali kif ukoll jgħin fil-binja ta' pontijiet bejn l-Ewropej.

## X'INHUMA L-JIEM TAL-FILMS LUX?

It-3 films fil-Kompetizzjoni Uffiċjali tal-Premju LUX jintwerew fit-28 pajjiż tal-Unjoni Ewropea fl-istess perjodu ta' żmien - fil-ħarifa 2013. Bħala parti mill-Premju LUX, it-3 films fil-Kompetizzjoni huma issottotitolati fl-24 lingwa tal-Unjoni Ewropea. L-għan huwa li tixtered id-diversità u r-rikkezza taċ-ċinema Ewropew mal-akbar numru ta' Ewropej possibli u li jiġu diskussi t-temi murija fil-films tal-Premju LUX 2013. Is-suġġetti mqajma f'dawn il-films huma komuni għalina lkoll, jgħidu l-istejjer tagħna, jolqtu s-sentimenti tagħna u jindirrizzaw temi li lkoll kemm aħna naffaċjaw.

## KIF JINTGĦAŻLU L-FILMS?

It-3 films fil-Kompetizzjoni Uffiċjali jintgħażlu minn grupp ta' professjonisti fl-industrija taċ-ċinema li jiffurmaw il-Bord ta' Selezzjoni.

Il-film rebbieħ jiġi deċiż u ppremjat mill-Membri tal-Parlament Ewropew. Din is-sena il-premju ser jingħata fil-11 ta' Diċembru.

## X'INHI L-*PUBLIC MENTION*

Il-Public Mention hija l-għażla tal-pubbliku. Hija l-okkażjoni tiegħek li teleġġi l-film jew is-suġġett favorit tiegħek mis-selezzjoni LUX. Kull m'għandek tagħmel huwa li sempliċement iżżur il-website luxprize.eu jew il-paġna fuq Facebook u tesprimi l-opinjoni tiegħek. Ir-riżultat tal-Public Mention huwa mħabbar fil-Festival Internazzjonali tal-Films ta' Karlovy Vary f'Ġunju/Lulju 2014. Dan l-avveniment iġib fit-tmiem l-edizzjoni kurrenti tal-Premju LUX u jwitti t-triq għall-edizzjoni li jmiss bit-tħabbira tal-10 films tas-Selezzjoni Uffiċjali.

MT




ARA, IDDIBATTI UVVOTA

@luxprize
#luxprize

WWW.LUXPRIZE.EU

LUX FILM PRIZE

## JIEM TAL-FILMS LUX

3 FILMS | 24 LINGWA
28 PAJJIŻ EWROPEW
WWW.LUXPRIZE.EU

PARLAMENT EWROPEW
SAQSI. IPPARTEĊIPA. AGĦŻEL.




## THE SELFISH GIANT

**Direttur:** Clio Barnard
**Pajjiż:** Renju Unit
**Sena:** 2013
**Tul tal-film:** 93'
**Atturi:** Sean Gilder, Siobhan Finneran, Lorraine Ashbourne, Steve Evets, Elliott Tittensor, Conner Chapman, Shaun Thomas
**Produttur:** Tracy O'Riordan
**Produzzjoni:** Moonspun Films, BFI Film Fund, FilmFour
**Premijiet/Selezzjoni:** Cannes 2013, Directors' Fortnight, Kompetizzjoni għas-Selezzjoni Uffiċjali tal-Premju Lux 2013

### Fil-qosor

Ħrafa kontemporanja dwar Arbor, tifel ta' erbatax-il sena u l-ħabib tal-qalb tiegħu Swifty. Imkeċċija mill-iskola u barranin fil-komunita` tagħhom, it-tfal jiltaqgħu ma' Kitten, negozjant tar-ruttam, u jibdew jiġbru r-ruttam għalih biż-żiemel u l-karrettun. Swifty għandu don naturali maż-żwiemel u Arbor għandu xeħta għan-negozju u jaf iqieħed il-kliem - jagħmlu tim tajjeb. Iżda meta Arbor jibda jagixxi fuq il-passi ta' Kitten u jsir rgħib u sfruttatur, tikber tensjoni li twassal għal avveniment traġiku li jittrasformahom b'mod irrevokabbli.




## THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN

**Direttur:** Felix van Groeningen
**Pajjiż:** Belġju
**Sena:** 2012
**Tul:** 110'
**Atturi:** Veerle Baetens, Johan Heldenbergh, Nell Cattrysse, Geert van Rampelberg, Nils de Caster
**Produttur:** Dirk Impens
**Ko-produtturi:** Frans Van Gestel, Arnold Heslenfeld, Laurette Schillings
**Produzzjoni:** Menuet Producties, Topkapi Films
**Premijiet/Selezzjoni:** Berlinale 2013, Panorama Special Audience Award, CPH PIX 2013, Kompetizzjoni għas-Selezzjoni Uffiċjali tal-Premju Lux 2013, Festival tal-Film Tribeca 2013

### Fil-qosor

*The Broken Circle Breakdown* jgħid l-istorja ta' mħabba bejn Elise u Didier. Hi għandha ħanut tat-tatwaġġ; huwa jdoqq il-banġu fi grupp mużikali. Hija mħabba mill-ewwel mument, minkejja differenzi kbar bejniethom. Huwa jitkellem, hija tisma'. Huwa profondament ateu, minkejja li fl-istess waqt huwa romantiku. Hija għandha salib mpinġi fuq għonqha, minkejja li żżomm saqajha t-tnejn mal-art. Il-kuntentizza tagħhom hija kompleta wara t-twelid tat-tifla tagħhom Maybelle. Sfortunatament, ta' sitt snin Maybelle timrad serjament. Didier u Elise jirreaġixxu b'modi differenti ħafna. Iżda Maybelle ma tħallilhom l-ebda għażla. Didier u Elise jkollhom jiġġieldu għaliha flimkien.




## MIELE

**Direttur:** Direttur: Valeria Golino
**Pajjiż:** Italja, Franza
**Sena:** 2013
**Tul tal-film:** 100'
**Atturi:** Jasmine Trinca, Carlo Cecchi, Libero De Rienzo, Vinicio Marchioni, Iaia Forte
**Produttur:** Viola Prestieri, Riccardo Scamarcio, Anne-Dominique Toussaint, Raphael Berdugo
**Produzzjoni:** Buena Onda, Les Films des Tournelles, Rai Cinema, Cité Films
**Premijiet/Selezzjoni:** Cannes 2013, Un Certain Regard, Festival tal-Film Brussell 2013, Kompetizzjoni għas-Selezzjoni Uffiċjali tal-Premju Lux 2013, Globi d'Oro 2013 - L-aħjar film debuttanti, L-Aħjar attriċi (Jasmine Trinca)

### Fil-qosor

Irene tgħix ħajja kemmxejn iżolata weħidha. L-attivita` illegali tagħha hija li tgħin nies b'mard terminali biex itemmu ħajjithom b'mod dinjituż billi tipprovdilhom il-mezzi farmaċewtiċi għal dan. Jum minnhom tipprovdi "klijent" ġdid b'doża fatali, u tiskopri li filfatt kien perfettament f'saħħtu. Irene hija determinata li ma tkunx responsabbli għas-suwiċidju tiegħu. Minn dan il-mument, Irene u Grimaldi jinsabu marbuta kontra r-rieda tagħhom f'relazzjoni mimlija tensjoni u xejn komuni li ser tbiddel ħajjet Irene għal dejjem.

Għax iċ-ċinema għandu l-qawwa li jemozzjonana u l-kultura li tilluminana.
Għax iċ-ċinema u l-kultura huma l-istrumenti ideali sabiex niskopru l-isfond komuni tagħna kif ukoll id-diversitajiet tagħna.
Għax magħqudin fid-diversita' u l-Unjoni Ewropea hija l-ispazju komuni tagħna.

**MIELE** ta' Valeria GOLINO, **THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN** ta' Felix van Groeningen u **THE SELFISH GIANT** ta' Clio Barnard jinsabu fuq il-programm tat-tieni edizzjoni tal-LUX FILM DAYS imtella' mill-Parlament Ewropew.

Meħudin flimkien, dawn it-3 films rimarkabbli jirriflettu r-rikkezza, il-profondità u l-isbuħija taċ-ċinema Ewropew. Kull film jieħu pożizzjoni dwar il-kwistjonijiet li qiegħda taffaċja s-soċjeta' tagħna b'mod realistiku jew imaġinattiv, aggressivament jew delikatament.

Morru u araw dawn il-films u ddiskutu fuq luxprize. eu l-problemi ta' leġittimita' (jew in-nuqqas tagħha) meta jingħata s-serħan mit-tbatija lil dawk li mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjoni libera (MIELE), jew kif jirreaġixxu ż-żgħażagħ emarġinati mis-soċjetà u mill-istituzzjonijiet (THE SELFISH GIANT), u kif koppja żagħżugħa Ewropea maħkuma minn avvenimenti traġiċi jiddubbitaw l-valuri kollha tagħhom (THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN).

## 28 PAJJIŻ EWROPEW

**BELGIQUE / BELGIË**
BRUXELLES / BRUSSEL
**БЪЛГАРИЯ**
СОФИЯ
**ČESKÁ REPUBLIKA**
BRNO
**DANMARK**
KØBENHAVN
**DEUTSCHLAND**
BERLIN, KÖLN, MÜNCHEN
**EESTI**
TALLINN
**ÉIRE / IRELAND**
CORCAIGH / CORK
**ΕΛΛΆΔΑ**
ΘΕΣΣΑΛΟΝΙΚΗ
**ESPAÑA**
BARCELONA, GIJON, LANZAROTE, SANTIAGO DE COMPOSTELA, SEGOVIA, SEVILLA
**FRANCE**
ANGOULÊME, MARSEILLE, STRASBOURG
**HRVATSKA**
ZAGREB
**ITALIA**
ROMA, BOLOGNA
**ΚΎΠΡΟΣ**
ΛΕΥΚΩΣΙΑ
**LATVIJA**
RĪGA
**LIETUVA**
VILNIUS, KAUNAS, PANEVĖŽYS
**LUXEMBOURG / LUXEMBURG**
LUXEMBOURG / LUXEMBURG
**MAGYARORSZÁG**
BUDAPEST
**MALTA**
VALLETTA
**NEDERLAND**
LEIDEN
**ÖSTERREICH**
WIEN
**POLSKA**
WARSZAWA, WROCŁAW
**PORTUGAL**
LISBOA
**ROMÂNIA**
BUCUREŞTI
**SLOVENIJA**
LJUBLJANA
**SLOVENSKO**
BRATISLAVA
**SUOMI / FINLAND**
HELSINGFORS / HELSINKI
**SVERIGE**
STOCKHOLM
**UNITED KINGDOM**
LONDON, BELFAST, GLASGOW

ARA, IDDIBATTI UVVOTA

@luxprize
#luxprize

WWW.LUXPRIZE.EU



## FI FTIT KLIEM

Adattament liberu ta' storja ta' Oscar Wilde, *The Selfish Giant* juri żewġ adoloxxenti ta' żmienna f'rokna tal-Ingilterra fejn il-faqar u l-miżerja jsaltnu. Arbor ibati minn kundizzjoni ftit li xejn mifhuma: dejjem għaddej, konformi mal-ebda forma ta' awtorità, jispiċċa mkeċċi mill-iskola. Sieħbu Swifty jkun imkeċċi mill-iskola wkoll għal ftit jiem minħabba l-ġlied. Wara li jitħallew ifendu għal rashom, is-subien jiskopru li tista' tagħmel il-flus mill-bejgħ ta' fdalijiet tal-metall lin-negozjant tar-ruttam, Kitten. Jekk Arbor huwa l-aktar motivat mill-qligħ, Swifty jersaq lejn iż-żwiemel ta' Kitty, b'mod partikolari annimal tat-tagħbija u żiemel tat-tiġrija superb.

## ĦBIBERIJA SODA?

Rabtiet b'saħħithom iressqu dawn iż-żewġ subien tal-istess età lejn xulxin. Huma jaqsmu l-istess ambjent soċjali u kulturali, iżda wkoll kundizzjonijiet diffiċli ta' familja. Swifty għandu numru ta' aħwa iżgħar, il-ġenituri tiegħu jgħixu f'faqar kbir: l-omm m'għandiex flus biex tħallas il-kontijiet tad-dawl, il-missier ikun kostrett biex ibiegħ is-sufan, l-ikel hu fqir, ftit li xejn varjat ... u kesħa, minħabba n-nuqqas ta' elettriku. Filwaqt li Arbor jgħix ma' ommu li trabbih waħedha, li qiegħda ssibha diffiċli biex teduka ż-żewġ uliedha: il-kbir hu drugat, diffiċli biex tikkontrollah, kultant huwa ppersegwitat b'mod vjolenti mil-kredituri, wisq probabbli jisraq il-mediċini intenzjonati għal Arbor. Filfatt, ħuħ iż-żgħir ibati minn marda (iperattività) u ma jikkalmax jekk mhux taħt l-effett tal-mediċini.

Arbor u Swifty juru lealtà kbira lejn xulxin: jekk il-komunikazzjoni ta' kuljum hija ta' spiss rozza u vjolenti, huma jiffaċċjaw id-diffikultajiet flimkien: iż-żewġ subien huma lesti li jagħtu l-flus li qalgħu mill-fdal tal-metalli lill-familji tagħhom biex iħallsu l-kontijiet jew id-djun.

Madankollu, iż-żewġ adoloxxenti huma wkoll ferm differenti: Arbor huwa bjond, irqiq imma b'saħħtu u niexef, Swifty huwa akbar, xi ftit żbilanċjat u kwiet. L-ewwel wieħed hu dak li jmexxi u t-tieni jsegwi. Imma dak li huwa l-aktar impressjonanti fir-relazzjoni tagħhom hu li dawn huma s-sinjali tal-ħbiberija: Swifty jidher li huwa l-unika persuna li jista' jikkalma u jserraħ ras Arbor waqt il-kriżijiet tiegħu kif muri fl-ewwel xena tal-film li tispiċċa b'idejhom magħqudin mill-viċin. B'mod speċjali, il-prossimità fiżika tas-subien hija ċara, kemm jekk qed jinbxu lil xulxin, jilgħabu jew xi kultant anke juru ġesti ta' affezzjoni.



## ID-DISTANZA 'L BOGĦOD

Madankollu din il- ħbiberija sabiħa se tisfaxxa bl-istess rittmu li jittrasforma r-relazzjoni tas- subien ma' Kitten u li jafferma l-personalitajiet tagħhom stess. Il-kwalitajiet ta' Swifty li hu familjari maż-żwiemel u jaf kif għandu jmur magħhom huma identifikati minn Kitten li sejjer jafda aktar u aktar responsabbiltajiet inkluż il-kura taż-żiemel prezzjuż tat-tiġrija u anke s-sewwieq. Swifty jkollu rikonoxximent kbir għall Kitten (kull waħda minn dawn "il-promozzjonijiet" hija kkaratterizzata minn "Get in" entużjasta) u naturalment irid li tinżamm il-kunfidenza li dan joffri.

Arbor huwa totalment nieqes mis-sensittività spontanja u naturali ta' Swifty. Fejn Swifty jista' jikkalma annimal u jkunu kompletament taħt il-kontroll tiegħu, il-brutalità u l-impulsività ta' Arbor ikollhom l-effett oppost. Allura, Kitten ma jieħux biss lil Swifty taħt il-kontroll tiegħu u b'xi mod isir il-protettur il-ġdid tiegħu imma jiċħad lil Arbor b'qawwa kbira.

Miċħud, Arbor imbagħad jittradixxi lil Swifty u Kitten. Huwa joqtol felu għalxejn. (Oriġinarjament, is-sagrifiċċju tal-felu jsir sabiex jiġi ċċekkjat jekk il-linja tal-elettriku li waqgħet mal-art kinitx mixgħula ; imma anki jekk kien mitfi, Arbor qatt ma seta' jieħu l-kejbil mingħajr l-għajnuna ta' Swifty.) B'hekk, il-qtil tal-felu ma jistax jitqies bħala att maħsub biex iweġġa' lil Swifty, il-ħabib taż-żwiemel, bħala kastig talli b'xi mod abbandunah jew, l-aktar l-aktar, sempliċiment bħala test biex jgħaddi ftit taż-żmien. Barra minn hekk, Arbor jkun ħa b'mod regolari ammonti sostanzjali ta' ram mir-riservi ta' Kitten u jiddeċiedi li jmur ibiegħu lill-negozjant tar-ruttam ieħor (biż-żiemel u l-karretta ta' Kitten!), li għal Swifty hu sorprendenti li tradiment ieħor iseħħ peress li Kitten b'xi mod sar l-imgħallem tiegħu. Madankollu t-tranżazzjoni ta' Arbot tfalli u Kitten jintebaħ b'dak li ġara: dan jhedded li jitħan id Arbor, taħt il-ħarsa mwerwra ta' Swifty.

## ID-DRAMA U R-RIŻOLUZZJONI

Biex iħallas id-dejn tiegħu (negozjant ieħor ikun kiseb ir-ram misruq minn Arbor mingħajr ma jagħti xejn lura), Arbor jintbagħat, minn Kitten li jkun irrabjat, biex jisraq l-istess ammont ta' ram fil-viċinanza ta' impjant elettriku. Hu jrid jiftaħ bieb magħluq bi blokka tal-konkrit sabiex jidħol u jieħu l-kejbils li hemm ġewwa, kollha taħt linji b'voltaġġ għoli u ż-żanżin inkwetanti tagħhom. Arbor, waħdu mal-annimal tat-tagħbija, ma jistax iċaqlaq il-blokka u Swifty, għalkemm imweġġa' sew, imur biex jgħin lil sieħbu. Kien hu li daħal fil-ħofra u spiċċa biex ħa xokk elettriku fatali. Arbor imbagħad jieħu l-kadavru ta' Swifty għand Kitten, li, kontra dak kollu mistenni, jieħu r-responsabilità kollha tal-aċċident.

Imbagħad jibda l-purgatorju ta' Arbor li jrid jikkuntattja lil omm Swifty. Hu jħabbat diversi drabi fuq il-bieb imma kull darba dan jiġi mbuttat lura. Din l-art taħt is-sodda tiegħu, kif rajna waqt il-kriżi fil-bidu tal-film, ir-refuġju li Swifty biss seta' joħorġu minnu. Fl-aħħar omm Swifty tiġi d-dar fejn joqgħod u Arbor jikseb il-maħfra li kien qed jistenna: Omm sieħbu tgħannqu fi ħdanha.



Il-film jintemm b'xena paċifika: Arbor qed jogħrok żiemel, il-kamera titlajja' fuq il-ħarsa tal-annimal, ħarsa li titħalla għall-interpretazzjoni ta' kull spettatur. Madankollu l-ġenerożità fejn tidħol il-kura tal-annimal min-naħa ta' Arbor tista' titqies bħala rikonoxximent għall-sieħbu li miet.

## OSSERVAZZJONI TA' NIKET

Għalhekk, il-film jista' jiġi interpretat bħala l-istorja ta' ħbiberija imkissra u telfa fil-kuntest ta' kollass industrijali. Fil-fatt jirriżulta fil-konklużjoni pjuttost ta' niket ta' din l-istorja: b'sinjali ċari tal-kollass ekonomiku (il-faqar tal-ġenituri taż-żewġ subien, li ma jistgħux iħallsu l-kontijiet, huma mġiegħla jbiegħu amenitajiet bażiċi ; il-kummerċ li jiffjorixxi fir-ruttam u materjal ieħor riċiklabbli, iġiegħel lill-foqra biex jisirqu materjal bħal dan...), li jagħmluha aktar diffiċli biex tinterpretaha. Per eżempju, id-direttur jiffilmja tagħmir industrijali (torrijiet għat-tkessiħ, bini industrijali), fiċ-ċpar, jew f'ċertu dwal, sabiex dawn ma jkunux igglorifikati imma għall-kuntrarju jidhru li qegħdin fl-aħħar ta' ħajjithom, bħallikieku ftit li xejn kellhom tifsira. Il-koeżistenza tal-annimali f'dawn il-filmati sbieħ ħafna (ta' żwiemel, ta' nagħaġ) issaħħaħ is-sentiment li n-natura reġgħet kisbet id-drittijiet tagħha.

Il-kollass ekonomiku jinħass ukoll fil-problemi soċjali deskritti: l-esklużjoni ta' Arbor mill-iskola li tistqarr lilha nnifisha bħala inkapaċi li tieħu ħsieb dan it-tifel differenti; il-kummerċ u l-konsum tad-drogi li jeqirdu l-ħajja ta' ħuh; l-impotenza ta' ommhom li trabbihom waħedha u li titħallha waħedha biex teduka iż-żewġ subien diffiċli tagħha. Forsi bħala riżultat ta' din it-telqa joħroġ ukoll is-sens ta' telfien fejn tidħol il-liġi: tfal jibbuljaw tfal oħra fil-bitħa fejn jilgħabu; ħu Arbor hu mhedded sew mill-kredituri, id-dinja tan-negozju tar-ruttam hi pjuttost diffiċli: Kitten jieħu l-inkarigu li jnaqqas mill-paga ta' Arbor u Swifty bl-iskuża li huma minuri; hu kien jorganizza t-tlielaq illegali u perikolużi taż-żwiemel; jhedded li jitħan id Arbor bħala kastig talli serqu; negozjant tar-ruttam ieħor jieħu r-ram ta' Arbor mingħajr ma jħallsu lura... F'dan il-kuntest, il-figuri tradizzjonali tal-awtorità jidhru pallidi ferm: l-għalliem mhuwiex kapaċi jżomm l-ordni u anke l-pulizija ma jsegwux l-ordni ta' Arbor biex ineħħu ż-żraben qabel jidħlu d-dar. Għalhekk, dak li hu muri hu soċjetà li qed titmermer (ikkunsidraw ukoll is-settijiet li fihom tiżvolġi l-istorja: bankini mkissra, ħwienet dilapidati, djar fi stat ħażin...) fejn kuljum il-liġi ta' min hu l-aktar b'saħħtu dejjem tissaħħaħ u li kwalunkwe valuri morali jidhru dejjem aktar essenzjali: il-ħbiberija bejn Arbor u Swifty, minkejja l-tradiment tal-ewwel wieħed; il-lealtà tagħhom vis-à-vis l-familji tagħhom; il-konfessjoni ta' ħtija ta' Kitten; il-maħfra li omm Swifty tagħti lil Arbor.

Għalhekk, nistgħu nikkunsidraw *The Selfish Giant* bħala ħrafa jew storja miktuba f'kuntest realistiku (is-serq tal-kejbils qed jiżdied f'bosta pajjiżi Ewropej; in-negozju tar-ruttam qed jiffjorixxi; il-prezzijiet tal-metall għandhom tendenza li jogħlew; hemm żieda fil-qgħad u l-faqar tal-familji f'ħafna partijiet tal-Ewropa) fejn id-difiża tal-valuri umani hija essenzjali.

Anne Vervier
Les Grignoux (Liège Brussels)





## XI PROPOSTI BIEX ISIR AKTAR

- L-istorja sseħħ fil-qasam ta' Bradford, ġewwa Yorkshire, fil-Gran Brittanja. Taħseb li tista' sseħħ f'parti oħra tal-Ewropa? Għaliex iva? Għaliex le?
- L-elettriku huwa tema li jidher b'modi differenti fil-film: linji ta' voltaġġ għoli, il-mewt tal-felu u dik ta' Swifty, il-kontijiet mhux imħallsa tal-familja ta' Swifty, il-kejbils li potenzjalment huma sors ta' qligħ għan-negozjanti tar-ruttam... Kif tista' tinħoloq riflessjoni madwar "il-konnessjonijiet elettriċi" kollha u li permezz tagħhom il-metafori huma mogħtija l-ħajja (voltaġġ, reżistenza, Arbor hu nervuż "daqs batterija" eċċ.) ?
- Xi għażliet estetiċi li huma pjuttost notevoli f'*The Selfish Giant*: l-assenza tal-mużika b'mod partikolari, imma anke wkoll il-filmati ta' xeni fuq l-ambjent jew l-annimali (in-nagħaġ, iż-żwiemel) flimkien mat-tagħmir industrijali. Kif tinterpretaw dawn l-għażliet?

